**19 ta’ Ottubru**

**Tifkira ta’**

S. PAWL TAS-SALIB, SAĊERDOT

Twieled f’Ovada, il-Ligurja, fl-1694; f’żgħożitu għen lil missieru, li kien merkant. Fix-xewqa tiegħu għall-ħajja perfetta, ħalla kollox, ta’ ruħu għall-għajnuna tal-foqra u l-morda, u ħajjar oħrajn biex jingħaqdu miegħu f’dan l-appostolat. Wara li ordna qassis, inxteħet wisq iżjed biex iħabrek għas-salvazzjoni tal-erwieħ, waqqaf kunventi, u għamel ħidma appostolika. Wara ħajja ta’ tagħkis aħrax, miet f’Ruma fit-18 ta’ Ottubru, 1775.

Mill-Komun tar-rgħajja tal-erwieħ... jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi...

Talba

Nitolbuk, Mulej, li s-saċerdot San Pawl tas-Salib jaqlagħalna minn għandek il-grazzja tiegħek, biex hu, li ħabb is-salib bi mħabba tal-għaġeb, iħeġġiġna dejjem bl-eżempju tiegħu ħalli nilqgħu bil-kuraġġ is-salib tagħna. B’Ibnek.